**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 16 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 618/01 AE**

**Denise Agius**

**vs**

**Martin Agius.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici tablet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) dovuti bhala arretrati ta' manteniment skond kuntratt pubbliku ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Dr. Anthony Abela datat 21 ta' Mejju 1996.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 9) li permezz taghha ddikjara:

1. L-ammont dovut ma jammontax ghal elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200).
2. L-ammont talvolta dovut ma jissuperax is-somma ta' sebgha mitt lira (Lm700). Minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' erbgha mija u hamsa u tletin lira (Lm435) gja sekwestrati u depozitati.

Semgha x-xhieda.

Ra l-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:

1. Il-kontendenti huma mizzewgin. Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Mejju 1996 u ppubblikat min-nutar Dr. Anthony Abela (fol. 12-14) il-kontendenti sseparaw legalment minn ma' xulxin.

2. Permezz ta' l-imsemmi kuntratt il-konvenut obbliga ruhu li jhallas bil-quddiem is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) fix-xahar bhala manteniment, in kwantu ghal Lm100 ghall-attrici u Lm200 ghal uliedu minuri (klawzola numru 8).

3. Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-hlas li qieghed jintalab huwa ghall-perjodu minn Jannar 2001 sa Awissu 2001, fl-ammont komplessiv ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200).

4. Illi fix-xhieda li ta l-konvenut fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2001 huwa kkonferma li:

    (a) Minn Frar 2001 sa Lulju 2001 hallas is-somma ta' Lm200 fix-xahar. Il-konvenut iddikjara li ma baqax ihallas is-somma ta' Lm100 bhala manteniment ghall-attrici, peress li naqaslu l-qliegh. In vista tal-fatt li sal-lum il-manteniment pagabbli ghadu ma giex rivedut b'kuntratt iehor jew b'ordni tal-Qorti, il-konvenut ghadu obbligat li jonora l-ftehim (*pacta sunt servanda*).

    (b) Fir-rigward tax-xahar ta' Awissu 2001 ma hallasx peress li l-attrici tablet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru u ghalhekk ma kellux il-mezzi biex ihallas il-manteniment ghal dak ix-xahar. It-Tribunal josserva li b'daqshekk ma jfissirx li l-ammont m'huwiex dovut, u bil-hrug tal-mandat l-attrici kienet qeghda tikkawtela l-pretenzjonijiet taghha.

5. Fir-rigward tax-xahar ta' Jannar 2001 il-konvenut ma kienx cert jekk il-hlas li ghamel ghal dak ix-xahar kienx jirreferi ghax-xahar ta' Dicembru 2000 jew Jannar 2001. Huwa fatt inkontestat li min jallega l-pagament ghandu l-oneru li jipprovah. F'dan il-kaz huwa l-konvenut li ghandu l-oneru li jaghti prova ta' dan' *"hu principju mhux kontrastat in materja, infatti illi 'la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie*

*kostantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolut favur l-attur (Vol. XXXV.iii.604)"* (**J. Cini vs R. Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju 1982).

6. Illi mill-prova li tressqu mill-konvenut it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni li l-manteniment ghax-xahar ta' Jannar 2001 huwa mhallas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) liema hlas huwa dovut bhala arretrati ta' manteniment ghax-xhur minn Jannar 2001 sa Awissu 2001. Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**.